# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Karl Blundell**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Karl Blundell**, detentur tal-karta tal-identita` numru 396876M fejn ġie mixli talli

> Fit-8 t'Ottubru 2017, 9 t'Ottubru 2017u fil-ġranet u 16 ta' Marzu 2017 u matul ix-xhur ta' qabel, ġewwa garaxx mingħajr numru fi Triq ix-Xwieni, Albert Town, Il-Marsa, Malta ikkaġuna tbagħtija mingħajr bżonn billi żamm għandu kelb tar-razza Rotweiller numru tar-reġistrazzjoni 94100003135536 ġewwa garage mignħajr numru fi Triq ix-Xwieni, Albert Town, il-Marsa, Malta fil-ħmieġ u bla provvista t'akkomodazzjoni xierqa u ċjoe mingħajr dawl naturali, fi dlam ċappa u b'nuqqas ta' ventilazzjoni u dan bi ksur tal-Artikoli 8(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi matul is-seduta tat-30 t'Ottubru 2018 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;[1]

Rat li matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat ukoll li matul l-istess seduta l-Uffiċjal Prosekutur eżebixxa l-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-proċedura f'dan il-każ tipprosegwi sommarjament;[2]

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien biżżejjed biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja. Il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat li l-Qorti għaddiet biex tisma' l-prova f'dan il-każ;

---

[1] Folio 11 tal-atti proċesswali.

[2] Folio 7 tal-atti proċesswali. Kunsens datat id-9 ta' Ġunju 2017.

Rat li matul is-seduta tas-7 ta' Marzu 2019 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduċi;

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xiehda prodotti, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat :-***

Illi f'dan il-każ l-imputat huwa mixli bi ksur tal-Liġijiet li jittrattaw il-ħarsien tal-Annimali. Fil-fatt huwa mixli bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid : -

> 8. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jipprovdi għall-mod li bih dawk l-ispeċi u kategoriji ta' annimali kif jiġi preskritt għandhom jiġu mħarsa, mitmugħa, misqijin, mdewwa u mgħallma u l-kwalifiki tal-persuni li jkunu responsabbli għal dan.
>
> (2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.
>
> (3) Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom.
>
> (4) Kull persuna għandha tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġiet ta' annimal li hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal. Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġiet ta' annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.

Illi mill-provi prodotti, ġie soddisfaċentement ippruvat li l-imputat kien qiegħed iżomm il-kelb de quo fil-garage imsemmi fl-imputazzjonijiet. Il-Qorti semgħet ix-xiehda tal-*Animal Welfare Officers* li kienu marru fuq il-post u għamlu l-ispezzjonijiet. Dawn ir-rapporti u xiehda tal-Animal Welfare Officers huma msaħħa wkoll b'diversi ritratti meħuda minnhom matul l-ispezzjonijiet varji li huma għamlu fuq il-postijiet rilevanti għal dan il-każ.

Minn naħa tiegħu l-imputat itenni li huwa verament kien jieħu ħsieb dan il-garaxx u li huwa kien iżomm il-kelb miegħu f'dan il-garage u li fih jgħid li kien jgħix għal perjodu ta' żmien meta kien għaddej minn taqlib f'ħajtu minħabba raġunijiet personali. Il-Qorti setgħet tara wkoll li llum il-ġurnata l-kelb qiegħed jgħix mal-imputat f'appartament f'ambjent kompletament differenti minn dak li kien jgħix fih meta kien fil-garage.

***Ikkunsidrat : -***

Illi kwantu għall-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni riedet tipprova li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, b'atti ta' kommissjoni jew omissjoni, l-imputat żamm kelb li kien qed ibagħti uġiegħ, tbagħtija jew dwejjaq mingħajr bżonn jew abbandun t'annimali. Issa f'dan it-tip ta' reati, il-Qorti għandha diffikulta' oġġettiva dwar kif tista' tasal għall-konklużjonijiet tagħha dwar jekk ġiex integrat dan ir-reat o meno. Ma

hemmx dubju li l-klieb huma esseri ħajjin u li għandhom emozzjonijiet u li għandhom ċerti ħtiġijiet. Hija dejjem diffiċli li tifhem kif annimali differenti jistgħu iħossuhom f'ċirkostanzi varji. Biex bniedem jifhem kif iħossu kelb f'ċirkostanzi partikolari, irid l-ewwel jifhem xi ħsibijiet u emozzjonijiet dan l-annimal iħoss bil-kriterji u l-valuri intellettivi u emozzjonali tiegħu bħala kelb. Altrimenti dak li l-bniedem ikun qiegħed jagħmel huwa li juża l-kejl u l-kriterju tiegħu dwar xi jkun uġiegħ, dwejjaq jew tbagħtija f'kuntest fejn annimal li ma għandux id-don tal-kelma ma jkunx jista' jesprimi. Hemm ċirkostanzi fejn annimali juru emozzjonijiet ċari bħal uġiegħ jew dwejjaq – b'mod partikolari l-klieb.

Mill-banda l-oħra hemm ċerti fatturi oġġettivi li grazzi għalihom il-bniedem jista' raġonevolment jikkonkludi li jekk javveraw ruħhom, l-annimal in kwistjoni ikun qiegħed ikun suġġett għal tbagħtija jew dwejjaq jew uġiegħ. Hekk hu l-każ, per eżempju meta annimal li fl-istat naturali tiegħu huwa annimal li jimraħ u jiġri fil-kampanja. Meta dan jiġi mċaħħad minn din il-predisposizzjoni naturali tiegħu, l-istess annimal ikun qiegħed ikun kostrett li jaġixxi kontra n-natura tiegħu. Hekk allura jiġri lil kull annimal maqful f'gaġġa, b'mod partikolari jekk dan ikun miżmum b'mod imrassas, nonche maħmuġ. Biex tifhem dan, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tittrasponi l-valuri intellettivi u emottivi ta' dawn l-annimali u tipprova tifhimhom bil-valuri tagħha ta' annimal-bniedem; u għalhekk ma jkollhiex għaliex tkejjel u tqejjes b'xibirha jekk

dawn l-annimali ħassewx uġiegħ, dwejjaq jew tbgħatija bi kriterji tagħha ta' esseri xjenti u uman u dan għaliex kull ma trid tagħmel huwa li tara sewwasew x'jiġri fi stat ta' natura.

Mill-banda l-oħra, kelb li huwa annimal komunikattiv mal-bniedem, ukoll huwa annimal li jrid l-ispazju fejn jimraħ. Kelb ukoll, mingħajr kliem, jurik kemm japprezza l-fatt li jkun jista' jmur jiġri u jaqbeż l-hemm u lil hawn. Żgur li mhux fin-natura ta' kelb li jinżamm magħluq f'garage mudlam, maħmuġ jew mimli oġġetti li jxekluh milli jiċċaqlaq faċilment mingħajr ma jweġġa u fi spazju ristrett. L-anqas ma huwa fin-natura tiegħu li kelb jinżamm marbut ma ċinga qasira ħafna b'mod li l-anqas ikun jista' jdur jew jiċċaqlaq sew – għalkemm f'dan il-każ irriżulta li l-kelb in kwistjoni kien qiegħed ħieles li jdur u jagħqad fl-ispazju li kellu disponibbli għalih. Anke dawn huma ċirkostanzi oġġettivi li meta mqablin u mkejlin ma' kif kelb fl-istat naturali tiegħu għandu jkun jistgħu raġonevoment iwaslu lil Qorti li tikkonkludi li f'ċerti ċirkostanzi jista' jiġi pruvat jekk ikunx hemm element ta' uġiegħ jew dwejjaq jew tbagħtija kaġunata lil kelb.

Naturalment kollox huwa relattiv. F'dan il-każ, l-imputat mhux mixli li sawwat lill-annimal jew li ħaqar annimal b'mod attiv b'atti ta' krudelta'. Iżda l-fatt li l-kelb kien miżmum f'ambjent li deher mudlam u jekk mhux maħmuġa, żgur li kien jidher ingumbrat, iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li, almenu formalment, il-Prosekuzzjoni ippruvat dak

mistenni minnha minn din il-Liġi partikolarment fl-artikolu 8 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-Artikolu, li aktar minn ħaġa oħra huwa wkoll dikjarazzjoni ta' prinċipji tradott f'Liġi sostantiva, kemxejn drakonjana u punittiva, intiża turi l-kriterji li għandhom jiġu rispettati fir-rigward tal-annimali u l-konsegwenzi fil-każ li dawn il-kriterji ma jiġux osservati. Il-fatt li annimali jingħataw ikel, xorb u ċertu grad ta' kura mhux biżżejjed biex annimali jiġu ritenuti li qed jiġu legalment imħarsa kif jixraq skont din il-Liġi frott ta' ideat progressivi immens li huma intiżi li jagħtu trattament xieraq lil annimali.

Il-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni wkoll fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Irriżulta soddisfaċentement ippruvat li l-kelb kien qiegħed jiġi miżmum, almenu għal perjodu ta' madwar ħdax il-xahar f'ambjenti li kien malsan. Annimal ma għandux jinżamm f'kundizzjonijiet ħżiena għall-għixien tiegħu. U dan kemm għall-benefiċċju tas-saħħa tal-annimal innifsu kif ukoll għall-benefiċċju tas-saħħa tal-bnedmin li jkunu f'kuntatt ma' dawn l-annimali – aktar u aktar jekk dawk l-annimali jkunu f'kuntatt dirett mal-bniedem ta' kuljum.

Il-fatt li l-kelb kien miżmum f'dak il-garaxx li jidher li kien ingumbrat b'karozzi u affarijiet relatati ma karozzi, mhux ambjent san biżżejjed

għal annimal bħal kelb. Dan huwa evidenti kemm mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni kif ukoll mir-ritratti eżibiti mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. U l-imputat stess juri l-kuntrast meta jippreżenta ritratti li juru d-differenza bejn l-ambjent malsan fil-garage fejn kien miżmum il-kelb meritu ta' dan il-każ, għall-ambjent sabih li jgħix fih il-kelb illum.

Biż-żamma ta' dak il-kelb f'dak il-garaxx f'dak il-perjodu ta' żmien irriżulta soddisfaċentement ippruvat li l-kundizzjoni li l-kelb kien qed jinżamm fih ma kienx joffru trattament xieraq li jassigura li l-ħtiġiet ta' l-annimal de quo kien suffiċjenti biex jassikura s-saħħa u l-benesseri tal-istess annimal. Dawn il-ħtiġijiet, minbarra l-provvista ta' ikel u xorb (li jidher li kien hemm) kienu wkoll jirrikjedu li l-annimal ikollu l-provvista ta' ambjent xieraq, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.

Filwaqt li ma nġiebet ebda prova ta' wġiegħ, korriment jew mard, ġie soddisfaċentement ippruvat li l-annimal in kwistjoni kien qed jinżamm fi stat ta' dlam u imbarazz, qalb diversi karozzi, biċċiet ta' karozzi u metall u b'riskju għas-saħħa u l-benesseri kemm tal-annimal kif ukoll tal-imputat innifsu.

Minkejja li l-imputat ingħata diversi twissijiet konsegwenti spezzjonijiet varji, kif ukoll ingħata żmien konsiderevoli biex huwa jirranġa s-

sitwazzjoni, huwa naqas milli jagħmel dan ripetutament. Għalkemm il-Qorti tista' tifhem li l-imputat ma setgħax jiftaħ it-tieqa l-ħin kollu minħabba r-riskju ta' serq minn terzi, ma jirriżultax li l-kelb kellu xi sistema ta' dawl artifiċjali għajr ħlief id-dawl naturali li kien jidħol mix-xquq jew tbieqi tal-bieb prinċipali tal-garaxx jew tat-twieqi. Dan ma kienx dawl biżżejjed.

Il-Qorti mill-banda tifhem li l-imputat kien qal li għamel żmien jgħix hu stess f'dan il-garage. Naturalment jekk dak il-garage ma kienx f'qagħda tajba biex jgħix fih kelb, aktar u aktar ma kienx tajjeb biex jgħix fih bniedem. Huwa allarmanti li persuna tispiċċa tgħix f'dawk il-kundizzjonijiet minħabba sitwazzjonijiet personali diffiċli. Biss għalkemm bniedem, b'xi mod u b'diffikulta kbira setgħa kellu xi forma ta' għażla, il-povru kelb, tali għażla ma setgħa qatt ikollu dment li kien jibqa' miżmum minn sidu miegħu f'dik il-kundizzjoni.

# *DECIDE*

Li wara li rat l-Artikolu 8(2)(3)(4) u 45 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lil **Karl BLUNDELL** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Kwantu tal-piena li għandha tiġi inflitta, il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi partikolari f'dan il-każ u peress li tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-

Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħda tagħmel ordni li biha **tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur millum**.

Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta hija spjegat l-import ta' din l-ordni u l-konsegwenzi li jitnisslu minnha lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem fis-sens li jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor fil-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

***Mogħtija illum 15 ta` April, 2019 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***
***Maġistrat***